# L-Istatwa l-Ġdida ta' San Ġużepp xogħol l-Artist Aaron Camilleri Cauchi

Kitba ta' Cynthia Gafà B.Ed. Hons.

L-artist żagħżugħ Aaron Camilleri Cauchi huwa iben l-iskultur magħruf Alfred Camilleri Cauchi u Catherine mwielda Ellul. Huwa twieled fit-12 ta' Marzu, 1979. Minn ċkunitu, huwa kien dejjem josserva u jgħin lil missieru jimmudella fit-tafal, jaħdem l-istatwi tal-kartapesta u anke jiskolpi fl-injam, fil-ġebel u fl-irħam.

Fis-sena 2002 Aaron ħadem l-ewwel statwa kbira tiegħu fil-kartapesta. Minn dakinhar 'il quddiem bosta każini tal-baned, għaqdiet tal-armar u parroċċi bdew jordnawlu settijiet ta' statwi tal-kartapesta sabiex iżejnu l-pjazez u t-toroq prinċipali tal-irħula tagħhom matul il-ġimgħa tal-festa. Dawn l-istatwi juru anġli, profeti, appostli, figuri bibbliċi, qaddisin kif ukoll personaġġi oħrajn. Fil-fatt, ix-xogħlijiet ta' Aaron insibuhom imxerrda ma' diversi rħula Maltin u Għawdxin. Fosthom insibu Birkirkara, il-Gudja, il-Ħamrun, l-Imqabba, Raħal Ġdid, ir-Rabat Għawdex, San Ġiljan, Ħal Kirkop, Ħal Qormi, Ħal Tarxien u Ħaż-Żebbuġ. Fix-xogħlijiet ta' dan l-artist, wieħed jista' jinnota l-istil akkademiku li huwa jużа, il-ħlewwa fl-uċuħ kif ukoll l-oriġinalità tal-kuluri. Apparti minn hekk, l-istatwi reliġjużi tiegħu jqanqlu l-virtujiet tal-umiltà, karità u ġustizzja.



Aaron ħadem ukoll diversi ċenakli li wieħed jista' jżur fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Il-figuri *lifesize* li nsibu f'dawn iċ-ċenakli huma maħdumin mill-*fibreglass*, teknika li Aaron tgħallem mingħand missieru. Fost iċ-ċenakli li ħadem dan l-artist żagħżugħ insibu dak li jittella' fil-kappella ta' Bir Miftuħ ġewwa l-Gudja, kif ukoll oħrajn fil-Belt Valletta, il-Fgura u San Ġiljan.

Marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa ma nistax ma nsemmix żewġ statwi li fis-sena 2007 Aaron ġie kkummisjonat jaħdem għad-Duomo ta' San Ġorġ f'Ragusa, Sqallija. Statwa minnhom hija dik tad-Duluri li tinħareġ proċessjonalment nhar il-Ġimgħa l-Kbira, filwaqt li l-oħra li turi lil Kristu Rxoxt, tintrama fuq l-artal maġġur f'Ħadd il-Għid. Iż-żewġ statwi huma maħdumin mill-kartapesta, li hija tradizzjoni antika Maltija ta' wirt kulturali prestiġjuż, u proprju oriġinat minn ġewwa Sqallija. Din is-sena Aaron kompla dan is-sett permezz ta' statwa oħra li turi lil Kristu Mejjet, magħrufa aktar magħna l-Maltin bħala l-Monument.

Apparti milli jaħdem xogħlijiet fil-kartapesta, Camilleri Cauchi jispeċjalizza wkoll fil-qasam tar-restawr u l-konservazzjoni. Fl-1999 Aaron kien responsabbli mir-restawr tal-istatwi antiki tal-Ġimgħa l-Kbira li jinsabu fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Dawn l-istatwi tal-kartapesta nħadmu minn Saverio Laferla u Wistin Camilleri, u wħud minnhom imorru lura sa tliet mitt sena. Fis-sena 2001 Aaron kellu sehem importanti fir-restawr tal-istatwa titulari ta' Santa Marija li nsibu fil-Katidral ta' Għawdex imbagħad sentejn wara huwa kien ikkummisjonat jaħdem statwa tan-Nativitá għall-istess Katidral sabiex tintrama fuq il-presbiterju fi żmien il-Milied.

Fis-sena 2003, Camilleri Cauchi rrestawra statwa tal-injam tal-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fil-parroċċa ta' San Romano fil-belt ta' Ruma. Aaron irrestawra anke diversi xogħlijiet artistiċi antiki li jinsabu f'kollezzjonijiet privati kif ukoll kellu l-opportunità li jaħdem ġewwa funderiji fl-Italja bħad-*Domus Dei* ta' Ruma u l-*Fonderia Storica Chiurazzi* ġewwa Napli.





Aaron dam madwar disa' snin, mill-1995 sal-2004, jaħdem ġewwa Palazzo Parisio, in-Naxxar. Hemmhekk, huwa kien responsabbli mix-xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni. Fil-fatt, sar restawr fuq xogħlijiet li jinsabu fis-swali prinċipali ta' dan il-palazz. Dawn ix-xogħlijiet huma tal-artisti ta' fama internazzjonali Filippo Venuti, Antonio Cardona, G. Olzai u l-Professur Carlo Sada.

Camilleri Cauchi qatta' l-ewwel xahrejn tas-sena 2004 ġewwa l-gżejjer ta' Trinidad u Tobago, fl-Oċean Atlantiku. Huwa kien ikkummisjonat mill-World Heritage Developments, mis-Sorijiet Dumnikani kif ukoll mill-Arċidjoċesi ta' Port of Spain sabiex jgħallem dwar id-dekorazzjonijiet fil-knejjes, inkluż l-affreski mal-ħitan, is-sengħa tal-induratura, il-bini tal-istatwi u l-konservazzjoni tagħhom. Aaron kien ukoll il-kelliem ewlieni f'konferenza li fiha ddiskutew il-knejjes storiċi u l-patrimonju tagħhom. Apparti minn hekk, Camilleri Cauchi kien responsabbli mir-restawr tal-Knisja tal-Isem Imqaddes. Hemmhekk, huwa rrestawra l-pitturi tal-ħitan kif ukoll iddekora s-soqfa b'induratura tad-deheb.

Interessanti nkunu nafu li f'Ottubru li għadda, Camilleri Cauchi kien mistieden jipproduċi biċċa xogħol tal-arti relatata mat-tema tan-Natività sabiex jirrappreżenta lil Malta fis-Sitt Esebizzjoni Internazzjonali Ewropea tal-Presepji. 'Il fuq minn tliet mija u ħamsin opra tal-arti maħdumin minn mitejn u ħamsin artist mill-Ewropa u Lvant Nofsani kienu esebiti għal aktar minn xahar fir-reġjun ta' Kalabrija ġewwa l-Italja.



Aaron kien fost l-aħjar disa' artisti li mbagħad intgħażlu sabiex jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom fil-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, l-altoriljiev ta' Aaron Camilleri Cauchi ntgħażel bħala l-aħjar skultura ta' din l-esebizzjoni. Dan rebbħu l-ewwel premju f'din il-kompetizzjoni prestiġjuża, li kien ippreżentat mill-Membru Parlamentari Ewropew l-Onorevoli Vittorio Prodi. Iċ-ċerimonja saret fil-Parlament Ewropew nhar it-28 ta' Jannar, 2009, taħt il-patroċinju tas-Sindku ta' Betlehem Dr. Victor Batsrseh u l-Viċi President tal-Parlament Ewropew l-Onorevoli Mario Mauro. Aaron kien ikkumissjonat jipproduċi skultura oħra relatata mat-tema tan-Natività sabiex waqt iċ-ċerimonja jippreżentaha lill-Onorevoli Mario Mauro bħala tifkira ta' dan l-avveniment. Din l-iskultura hija miżmuma b'għożża ġewwa l-Parlament Ewropew.

Ta' min jgħid li Aaron huwa mpjegat mal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fejn jaħdem bħala *Conservation Coordinator*, kif ukoll jaħdem bħala artist fil-bottega tiegħu ġewwa l-Fgura.

## L-Istatwa l-Ġdida ta' San Ġużepp ġewwa Ħal Kirkop

Nhar id-19 ta' Marzu, 2009, proprju meta nfakkru s-Solennità ta' San Ġużepp, ġewwa r-raħal ta' Ħal Kirkop iżżanżnet Statwa artistika li turi lill-Patrijarka San Ġużepp flimkien mal-Bambin Ġesù. Din hija magħmula mill-kartapesta tradizzjonali Maltija u nħadmet mill-artist Aaron Camilleri Cauchi. Ta' kull sena, hekk kif joqrob lejn tmiemu l-marċ tat-Tieni Tridu tal-Festa, din l-istatwa sejra tittella' fuq il-Pedestall tagħha fil-Pjazza ta' Knisja waqt li jakkumpanjaha d-daqq tal-innu.

F'din l-Istatwa nistgħu naraw lil San Ġużepp imlibbes il-ħwejjeġ tradizzjonali li soltu narawh bihom, jiġifieri libsa vjola u mantell kannella. Fuq rasu wieħed jista' jilmaħ raġġiera mirquma b'disinn artistiku. Ħarstu hija waħda devota għaliex il-ħarsien ta' San Ġużepp fil-ħajja tagħna ta' kuljum huwa kontinwu, ta' siwi u magħmul bi ħlewwa ta' missier. B'idu x-xellugija, San Ġużepp qiegħed iżomm il-bastun bil-fjuri tal-ġilju. Fl-istess ħin, dan il-bastun qiegħed jisħaq ras is-serp filwaqt li b'siequ l-leminija Ġużeppi qiegħed jirfes il-ktieb tal-ereżija. Dawn is-simboli kollha joħorġu ċar it-titlu ta' San Ġużepp bħala Patrun Universali tal-Knisja, kif ipproklamah il-Papa Piju IX nhar it-8 ta' Diċembru, 1870.

Fuq in-naħa tal-lemin ta' San Ġużepp hemm il-Bambin Ġesù mlibbes libsa bajda li turi d-divinità tal-Iben ta' Alla. Ilkoll nafu li Ġużeppi huwa l-Missier Putattiv ta' Ġesù. Iżda apparti minn hekk, huwa wkoll il-missier putattiv tal-aħwa ta' Ġesù, jiġifieri tal-Insara taż-żminijiet kollha.

Għalhekk, proprju f'din l-Istatwa t-tfajjel Ġesù qiegħed iżomm f'idejh mudell tal-Knisja ta' Ħal Kirkop u fl-istess ħin jippreżentah lil San Ġużepp, bħala xhieda li l-poplu Koppi huwa dejjem taħt il-ħarsien ta' dan il-Qaddis.

Permezz tas-sbuħija artistika li rnexxielu joħroġ l-artist Aaron Camilleri Cauchi waqt li kien qiegħed isawwar din l-istatwa, huwa jixtieq iwasslilna l-messaġġ li biex inħossu l-qawwa ta' mħabbet San Ġużepp, jeħtieġ li nifthu qalbna beraħ għaliha b'imġieba li tixhed l-interess kbir li hu jiehu fina.



# L-Istatwa Artistika Ġdida ta' San Ġużepp









